# OTTUBRU, 1939

*Ħarsa fuq it-tiġrif ta' Varsavja.*

Ottubru kiebi! wsalt did-darba mdejjaq
Għax sibt dak li ma xtaqtx: hemm fost il-ħlejjaq;
Sibt xmajjar kbar ta' dmugħ u mħuħ ħosbiena,
Ilħna jittallbu mħabba, maħfra, ħniena!
Sibt ulied jibku, lil missierhom tilfu,
Oħrajn sejrin għall-qbid, f'qalbhom jaħilfu
Bis-sewwa jew bid-dnewwa r-rebħa tagħhom:
Ħil'thom u deh'nhom b'xejn ħadd ma jirbaħhom.
Jaħkem sultan in-niket fid-dar fqira
Għax ġiet il-Mewt; u bħalma rħama kbira
Tinżel mill-għoli w kollox tgħaffeġ taħtha,
Hekk ħajjiet sħaħ b'minġilha l-Mewt ilmaħtha
Tisħaq u teqred, togħla w tifraħ bihom,
Imbagħad, minxura fl-art, fid-demm tħallihom.
U hemm f'dawk id-djar għonja fejn, ferrieħa,
Min jaf kemm qlub thennew fil-bews, mistrieħa,
Min jaf kemm għajnejn sbiħ għoxew, bla sabar,
Jaħasra! l-lum waqgħet ħemda ta' qabar.
Ma għadhiex iżjed, kull fil-għodu kmieni
Tixref ix-xemx u ddawwal il-wiċċ hieni
Ta' xbejba t'għoxrin sena, tbigħ is-saħħa,
Xħin, maż-żerniq, toħroġ fit-tieqa tagħha.
Ma għadhiex iżjed l-għanja tal-ħaddiema
Tidwi fis-skiet, xhieda ta' l-ogħna sliema;
Imbierek dak is-sajf, b'dawlu ħaraqhom,
Imbierek il-ħobż bnin miksub b'għaraqhom!
U lanqas għadha, taħt l-għata mostura,
Għad-dawl inemnem, ġo knisja miġbura,
Tmur b'qima l-kotra titlob għar-rkubbtejha,
Bi ħsiebha f'Alla, u bid-dmugħ f'għajnejha.
Kollox intemm: waslet siegħa qalila,
U s-sħab li ḍeher kien jhedded l-agħar taħbila.
Il-belt tal-ġmiel, f'għajnejn kulħadd setgħana,
Fil-għors u fil-frugħat ruħha xebgħana,

Sfat, għerja, taħt il-madmad tal-ħruxija,
U fuqha jħammru widien twal ta' dmija.

Ottubru ħiemed! l-art ta' ħajr u ħlewwa
Saret għamara mħarrbta għall-egħdewwa;
Fejn kienet tgħix l-imħabba hemm il-ħjiena,
Hemm djieq flok ferħ, hemm tibki r-ruħ ġewwiena
Ta' belt li rat, għar-riżq u x-xorti tagħha,
Imutu l-qalbenin imħaddna magħha.

Int tiftakarha s-saltna li fi ġmielha
Kien fiha għaxqa, għaxqa l-art għammiela,
Għaxqa l-iljieli sbiħ bid-dwal imhenna,
Għaxqa d-djar sielma, tistħajjilhom ġenna.
Min ħaddem ħiltu f'ħidma ġo l-egħlieqi
Ħa jaqla' 'l niesu, b'għarqu, l-ħobż utieqi,
Min qam ma' tlugħ ix-xemx u fil-għaxija
S'har sigħat twal, fix-xogħol ruħu medhija,
Min tniehed fl-art bl-uġigħ, b'qalbu maqsuma,
Għax raha lil artu tnin, bil-ħan maħkuma,
Ma għadhomx iżjed hemm, fejn kienu darba,
Mietu x'uħud, lebbtu l-oħrajn imħarrba.

Hekk tbiddlu ż-żmenijiet: kull fejn ħanina,
Kienet timraħ mas-sebħ il-fewġa bħina,
Donnha tilgħab bil-ħlewwa, sejra w ġejja,
U ssellem bliet u rħula hi w għaddejja,
Hemmhekk jonfħu l-irjieħ minn tal-mibegħda,
Ħtija li sfat miksura l-ogħla wegħda
Li ta lid-dinja bniedem b'qalb mibgħuda,
Bniedem li jgħix tul ħajtu b'ruħ mitruda.

Min twieled kbir u għex bla għajb il-ħajja
Isem iħalli mweġġah bl-ogħna ġrajja;
Ma jmutx maż-żmien, u l-ħbieb jgħożżuh bil-qima,
Għax jagħti għal li ġej l-isħaħ tagħlima.
Hekk din il-belt ma tmutx: fil-hemm u l-ħsara
Hi tibqa' kbira, mħeġġa b'nar ta' ħrara,
Tibqa' tissieħeb fin-nirien tal-ġlieda,
Għax hemm ir-ruħ (li qatt ma tmut) ta' wliedha.

ĠUŻÈ CHETCUTI

12 ta' Ottubru, 1939